42006D0546

L 215/30 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 5.8.2006

# DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI

## tas-6 ta' Lulju 2006

## li taħtar imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej

(2006/546/Euratom)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 223 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, b'mod partikolari l-Artikolu 139 tiegħu,

Billi:

Skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattati, jsir tiġdid parzjali tal-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja kull tliet snin għal mandat ta' sitt snin. Għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2006 sas-6 ta' Ottubru 2012, il-gvernijiet ta' l-Istati Membri għad iridu jaħtru imħallef sabiex jikkompletaw il-ħatra tat-tnax-il imħallef u l-erba' avukati ġenerali li saret fis-6 ta' April 2006,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Sur Thomas VON DANWITZ huwa maħtur imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2006 u s-6 ta' Ottubru 2012.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, 6 ta' Lulju 2006.

*Il-President*
E. KOSONEN